# IKUNU BISS IL-MEMBRI TAL-KNISJA TA' KRISTU LI JMORRU FIS-SMEWWIET?

**George Ebejer**

## *Għaliex Tistaqsi Din il-Mistoqsija?*

Din il-mistoqsija, "Temmen int li membri tal-knisja ta' Kristu biss imorru fis-Smewwiet?" (Ġenna) ġiet magħmula minn ħafna nies dwar il-membri tal-knisja ta' Kristu u fil-qawmien tagħha eżerċitat preġudizzju, xewqat ħżiena, u konfużjoni. Madankollu, din il-mistoqsija għandha tkun imwieġa u trid tkun imwieġba hawn bil-fidi u s-sigurtà kollha skond ir-rieda ta' Alla u mhux skond xi opinjoni jew opinjonijiet tal-bnedmin. L-appostlu Pietru qal, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

> "*Qaddsa lil Sidna Ġesù Kristu f' qalbkom. Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull minn jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom; imma wieġbu bil-ħlewwa u bir-rispett*" (1 Pietru 3:15).

Ħalli nikkunsidraw għall-mument wieħed il-motiv tal-mistoqsija. Fl-istudju ta' qabel dan, diġa' rajna xi ħaġa dwar dan is-suġġett, imma tajjeb li wieħed ikollu t-tagħrif kollu dwar dan. Din il-mistoqsija tista' ssir lil kull persuna ta' kull twemmin, kemm jekk din tkun Kattolika Rumana, Protestanta, Lhudija, jew xi waħda mill-mijiet ta' reliġjonijiet (denominazzjonijiet) li jeżistu llum. X'raġuni oħra wieħed jista' jkollu li jkun imsieħeb ma' xi organizzazzjoni reliġjuża jekk mhux ħlief li hu għandu t-tama tas-Smewwiet? Il-Kattoliċi Rumani stretti kollha u ħafna Protestanti devoti għandhom iwieġbu "Iva" għal din il-mistoqsija inkella ma jkunx hemm raġuni għal eżistenza ta' l-għaqdiet reliġjużi tagħhom bħala għaqdiet separati. Tistaqsiha lil min tistaqsiha din il-mistoqsija, il-motiv ta' spiss iqajjem preġudizzju kontra dak il-ġisem reliġjuż li hu jkun membru tiegħu. X'differenza tagħmel għad-destin tar-ruħ kemm jekk aħna nwieġbu "iva jew le?" Jekk it-tweġiba tkun "Iva" int ma tibdilx il-fehma qawwija reliġjuża tiegħek sempliċiment għax jiena għedt, "Iva," u jekk jiena nwieġeb "Le," din mhix sejra tiċċara t-tamiet tiegħek tas-salvazzjoni; għalhekk, il-mistoqsija m'għandhiex valur reali sakemm aħna nkunu lesti li neżaminaw flimkien fl-imħabba l-Kelma ta' Alla x'tgħid dwar dan.

## *Jiena M'inhix l-Imħallef—Lanqas Ma Inti Int*

Jekk inti tistaqsini din il-mistoqsija, int tkun qiegħed tipprova tagħmilni l-imħallef tad-destin etern ta' ruħek, u jiena m'inhix l-imħallef. Bl-istess mod, INT m'intix l-imħallef. Jekk int twieġeb (kif ħafna nies jagħmlu), "Jiena nemmen li nies tajba mill-knejjes kollha jmorru fis-Smewwiet jew

Ġenna," ma tkunx int qiegħed tiġġudika? Għal liema punt int iġġib din l-idea li "nies tajba mill-knejjes kollha jmorru fis-Sewwiet jew il-Ġenna?" Tinkludi int ukoll lil dawk kollha li jagħtu qima lil l-idoli u m'għandhom l-ebda rispett lejn Alla u Ġesù Kristu? Tinkludi int lil dawk il-Lhud devoti li jiċħdu lil Ġesù bħala li Hu Kristu? Tinkludi int lil dawk kollha li ma jemmnux fid-Divinità ta' Kristu, jiġifieri, li Kristu Hu Alla li Jista' Kollox? Hemm ħafna nies li huma moralment tajba fost dawn il-gruppi. Ma jkollix jien l-istess dritt jew jedd li ngħid li ftit sejrin fis-Smewwiet bħalma inti trid li tgħid li ħafna sejrin fis-Smewwiet? Il-Mulej tagħna u ta' kulħadd igħid,

> "*Dejjaq huwa l-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jisbuha!*" (Mattew 7:14).

Imma billi kull wieħed minna jgħid MIN dawn il-ftit sejrin ikunu, jien m'inhix l-imħallef u lanqas ma inti int!

### *Min Hu l-Imħallef?*

Fit-tieni Timotju 4:1, Pawlu jgħid,

> "*Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Sidna Ġesù Kristu, li GĦANDU JAGĦMEL ĦAQQ mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-Dehra tiegħu u s-saltna tiegħu.*"

Allura KRISTU se jkun l-Imħallef tagħna għaliex Pawlu jagħmel din l-affermazzjoni b'lingwa l-aktar ċara f'Rumani 14:19, fejn igħid,

> "*Imma int għax għandek tagħmel ħaqq minn ħuk? Jew lil ħuk, għaliex għandek tmaqdru? Aħna lkoll għad nidhru quddiem it-tribunal ta' Alla.*"

Għal darb'oħra naqraw f'Atti 17:30-31,

> "*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injuranza; issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu. Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ĦAQQ ĠUST MID-DINJA permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajmu mill-imwiet.*"

### *B'liema Qies Kristu Se Jiġġudikana?*

Nirrealizzaw li Kristu Hu l-Imħallef, aħna neħtieġu li nkunu nafu b'liema qies jew mezz Hu sejjer jiġġudikana. Ikun loġiku li tassumi li dak Kristu li ħabbna u miet għalina jagħmilha ċara dwar b'liema mod bih aħna se nkunu ġġudikati. Fil-priedka fuq il-Muntanja Ġesù definitivament qal li tkun sempliċiment reliġjuż u tagħrfu bħala Mulej ma tkunx prepa-razzjoni biżżejjed għall-ġudizzju. Ġesù qal:

"*Mhux kull min jgħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet! F'dak il-jum ikun hemm ħafna li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, mhux f'ismek ħabbarna aħna? U mhux f'ismek keċċejna d-demonji u f'ismek għamilna ħafna mirakli? Imbagħad jien ngħidilhom, 'Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!*" (Mattew 7: 21-23).

L-anqas ma nistgħu aħna noqgħodu fuq li aħna aċċettati ma' Kristu sempliċiment għaliex aħna nappartjenu lil xi Knisja. Aħna għandna bżonn li nikkunsidraw li kull istituzzjoni li hija mwaqqfa mill-bnedmin kienet ikkundannata mill-Mulej meta Hu qal,

"*Kull siġra li ma ħawwilhiex Missieri li hu fis-smewwiet tinqala' mill-għeruq*" (Mattew 15:13).

F'Salm 127:1 naqraw,

"*Jekk ma jkunx il-Mulej li jibni d-dar, jaħdmu għal xejn il-bennejja…*"

F'din l-istess konnessjoni Ġesù qal,

"*Dan il-poplu bix-xofftejn biss jagħtini qima, imma qalbhom hija 'l bogħod minni. Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; igħallmu dottrina li mhix għar preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15: 8-9).

### *Kristu Se Jiġġudikana Permezz tal-Kelma Tiegħu*

Ġesù huwa mfisser b'"mħallef ġust" għalhekk Hu jiġġudika lil l-umanità b'qies li jaqbel għall-ġenerazzjonijiet kollha, kull klassi ta' nies, u ċ-ċivilizzazzjonijiet kollha. Imma fejn mezz jew regola bħal din tista' tinstab? Ġesù qal,

"*Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu:* ***il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq*** *minnu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 12:48; enfasi tiegħi).

Meta Ġesù qal,

"*F'dak il-jum ikun hemm ħafna li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, mhux f'ismek ħabbarna aħna? U mhux f'ismek keċċejna d-demonji u f'ismek għamilna ħafna mirakli? Imbagħad jien ngħidilhom, 'Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!*" (Mattew 7:21-23).

Ġesù kien qiegħed jiddeskrivi t-tagħlim t-tagħlim falz ta' ġudizzju. Imbagħad, tibda minn vers 24, Ġesù kompla jgħidilhom dwar il-veru tagħlim tal-ġudizzju li bih sejrin inkunu ġġudikati, billi qal,

> "*Għalhekk, kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ingħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat;…Imma kull min jisma' dan il-kliem u ma jagħmilx li qiegħed ingħid jien, isir jixbah lil bniedem iblah li bena daru fuq ir-ramel…u ġġarfet; u kbira kienet il-qerda tagħha!*"

Wieħed forsi jistaqsi, "Kemm se jkun strett Ġesù f'li jiġġudikana permezz tal-Kelma Tiegħu? Għal darb'oħra ħalli l-Kelma ta' Kristu twieġeb għal dain il-mistoqsija għaliex fuq kollox Hu biss hu l-Imħallef. F'Galatin 1:8, Pawlu jgħid,

> "*Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabb-rilkom evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut!*"

Ġesù agħlaq il-ktieb tal-ġudizzju Tiegħu b'dan il-kliem meqjus:

> "*Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb: jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jneħħilu s-sheem li jmissu mis-siġra tal-Ħajja u mill-Belt il-qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb*" (Rivelazzjoni 22:18-19).

Waqt li nippreparaw għall-ġudizzju ta' Kristu aħna għandna nżommu f'moħħna l-kliem ta' Ekkleżjażti 12:13-14,

> "*Ejjew aħna nisimgħu l-konklużjoni tas-suġġett kollu; ibża' minn Alla u żomm il-kmandamenti tiegħu: għaliex dan hu d-dover kollu tal-bniedem. Għaliex Alla jġib kull ħidma, (għe-mil) fil-ġudizzju, b'kull ħaġa sigrieta, kemm jekk din tkun tajba, u kemm jekk din tkun ħażina.*"

Inżommu f'moħħna, allura, li Kristu Hu l-Imħallef u li Hu wiegħed li jiġ-ġudikana permezz tal-Kelma Tiegħu biss, ejjew inkomplu biex inwieġbu din il-mistoqsija, "Ikunu l-membri tal-knisja ta' Kristu li jmorru fis-Sme-wwiet jew il-Ġenna?"

### *Il-Knisja Ta' Kristu u l-Iskrittura*

Membri tal-knisja ta' Kristu ma jaċċettaw l-ebda awtorità fil-fidi u l-prattika ħlief il-patt jew testment ta' Kristu. Ukoll, aħna nemmnu li ebda kredu, dixxiplina, jew stqarrija ta' fidi żviluppata mill-bniedem ma huma bżonnjużi bħala supplement ma' dan it-testment. Din il-Kelma li għandha tkun l-Imħallef tagħna tgħid,

> “*L-Iskrittura kollha hija mnebbha minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta’ Alla jkun perfett, IMHEJJI għal kull ħidma tajba*” (1 timotju 3:16-17; enfasi tiegħi).

Din il-Kelma titlob bil-jedd li hija kompluta għad-dottrina, korrezzjoni, u tagħlim u għalhekk tagħmel supplement bla forza, u ta’ bla bżonn. Bħala membri tal-ġisem jew knisja ta’ Kristu aħna ma nagħrfu l-ebda awtorità ħlief dik tal-Bibbja. Jekk, madankollu, inti trid li tidher quddiem il-ġudizzju ta’ Kristu bl-ubbidjenza tiegħek lejn xi manwal, kredu (twemmin tal-bnedmin), jew stqarrijiet tal-fidi, dak hu affari tiegħek u int biss għan-dek twieġeb lil Kristu u ħadd aktar ma jista’ jwieġeb għalik. Kristu jiġġu-dikak permezz tal-Kelma Tiegħu (Mattew 12:48; Rumani 2:16). Mhu-wiex posti li niġġudikak jien imma d-dmir tiegħi hu li nippriedkalek il-Kelma li tkun hi li tiġġudikak.

***Il-Knisja Ta’ Kristu u l-Isem***

Membri tal-knisja ta’ Kristu ma jġibu ebda isem reliġjuż ħlief dak ta’ Kristu, għaliex aħna nemmnu li l-knisja hija ta’ Kristu bi dritt tax-xiri tagħha b’demmu stess (ara Atti 20:28). F’Atti 11:26 aħna nsibu li “Għal l-ewweldarba, lid-dixxipli sejħulhom ‘Kristjani’ f’Antjokja,” u l-appostlu Pietru ddikjara,

> “*F’ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi*” (Atti 4:12).

Ukoll, Pietru jagħti dan l-inkoraġġiment, billi jgħid,

> “*Imma jekk wieħed isofri għax hu Kristjan, m’għandux im-niex jistħi; ħa jfaħħar lil Alla b’dan l-isem*” (1 Pietru 4:16).

Fl-ewwel kapitlu ta’ l-ewwel Korintin aħna nsibu li Kristjani fil-knisja kienu bdew isejħu lilhom infushom wara nies differenti bħal Pawlu, Apollo, u Kefa (jew Pietru) iżda Pawlu ġibed l-attenzjoni tagħhom għall-fatt li firda bħal dinkienet dnub u staqsa,

> “*Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlui kien li ssallab għalikom jew f’isem Pawlu tgħammidtu*” (1 Korintin 1:13).

Billi nirrealizzaw li l-Kelma li sejra tiġġudika lin-nies fl-aħħar jum tinsisti li jien inkun imsejjaħ Kristjan, u xejn aktar, jiena ma rridx inkun magħruf b’ebda isem ieħor, iżda jekk inti trid tirriskja ruħek billi tkun magħruf b’isem ta’ dottrina tal-bniedem, bħall-Protestant, Kattoliku Ruman, Katt-oliku Grieg, Luteran, Anglikan, Xhieda ta’ Jehovah, Pentekostali, Evan-ġeliku, Battista, eċċ., allura din hija affari tiegħek u int (u int biss) trid twieġeb lil Kristu fil-Ġudizzju, u Hu jiddeċiedi fejn int tgħaddi l-eternità.

### *Il-Knisja ta' Kristu u s-Salvazzjoni*

Ħafna twemmin differenti jeżisti dwar il-mod biex wieħed isalva. Membri tal-knisja ta' Kristu jemmnu li Ġesù għallem li wieħed għandu jkollu l-fidi Fih bħala l-Iben ta' Alla (Atti 16:31 u Lhud 11:16), u f'din ix-xorta ta' fidi jindem minn dnubietu kollha (ara Luqa 13:3; Atti 2:38; 17:30). Kristu kkmandana biex nistqarru l-fidi tagħna fih (ara Mattew 10:32; Rumani 10:10) u mbagħad bħala espressjoni li tidher dwar il-fidi tagħna f'Alla li qajjem lil Kristu mill-imwiet, aħna b'ubbidjenza lejn il-kmand ta' Kristu għandna nkunu nidfuna permezz tal-magħmudija ta' l-ilma ma' Kristu għall-maħfra tad-dnubiet u mbagħad inqumu biex ngħixu ħajja ġdida (ara Atti 2:38; Rumani 6:3-6; Kolossin 2:12-13). Wara li l-Mulej tagħna kien imsallab u mqajjem mill-imwiet Hu ta s-setgħa lid-dixxipli Tiegħu b'dan il-kmand:

> "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda minn ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:15-16).

Issa jekk inti trid li tidher quddiem is-siġġu tal-ħaqq ta' Kristu mingħajr ma tkun mgħammed fi Kristu (mgħaddas fl-ilma), għall-maħfra ta' dnubietek, dan hu għalik li tiddeċiedi, iżda inti trid tagħti kont lil Kristu għalik innifsek u ħadd aktar, la dawk li forsi għallmuk li inti ssalva bil-fidi biss, la dawk li forsi għallmuk li inti għandek titgħammed bħala tarbija, u ħadd aktar, dawk għandhom jagħtu kont lill-Mulej tagħhom infushom għat-tagħlim falz li għallmu imma int m'għandek l-ebda skuża xi ġġib għaliex il-Kelma ta' Alla tavżana biex ma nħallu lil ħadd iqarraq bina (Efesin 5: 6). Jekk inti kont mgħammed biex *tissieħeb* ġo knisja minflok biex issier ħaġa waħda fi Kristu (Galatin 3:27) gdarb'oħra Kristu u mhux il-bniedem jiġġudikak. Il-Kelma Tiegħu tgħidilna li,

> "*L-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi*" (Atti 2:47).

Kif aħna nfittxu fil-paġni ta' l-Iskrittura, it-Testment il-Ġdid, aħna ma nsibu l-ebda rakkont li xi ħadd "issieħeb" fil-knisja u speċjalment issieħeb ma' knisja ta' l-għażla tiegħu." Madankollu, jekk inti trid li timxi wara din il-fehma popolari, int (u int biss) trid twieġeb lil Kristu għaliex kont timxi wara tagħlim li hu differenti mill-Kelma Tiegħu.

### *Il-Knisja Ta' Kristu u l-Amministrazzjoni tal-Knisja*

Membri tal-knisja ta' Kristu jemmnu u jgħallmu li l-amministrazzjoni tal-knisja hija mniżżla fit-Testment il-Ġdid u li hi m'għandha ebda ras ħlief lil Ġesù Kristu, u m'għandha ebda kwartieri ġenerali iżda t-tron ta' Alla, li hu fis-Smewwiet. Ix-xjuħ (jew isqfijiet, presbiteri) għandhom

taħthom il-ħarsien ta' kull kongregazzjoni (ara Atti 20:28; 1 Timotju 3; 1 Pietru 5:1-4), u huma għandhom jagħtu l-pariri, jwissu, igħallmu u jgħassu l-merħla (jew il-knisja) afdata f'idejhom. It-Testment il-Ġdid huwa sieket dwar Arċisqfijiet, Kardinali, Primati, Presidenti, jew xi forom oħra ta' ħakma totalitarja biex tmexxi fil-knisja fuq din l-art. Imkien ma hemm imsemmi dwar xirkiet li jiggvernaw iżda l-knisja tal-bidu kienet tikkonsisti minn isqfijiet (anzjani), djakni bħala ħaddiema, predikaturi bħala evanġelisti, u ħafna membri jaħdmu flimkien biex ixerrdu l-kawża ta' Kristu fil-kommunitajiet tagħhom u madwar id-dinja kollha. Madankollu, jekk inti trid li toqgħod taħt organizzazzjonijiet immnissla mill-bniedem, li huma differenti mill-Kelma ta' Alla li tkun Hi li tiġġudikak, din hija deċiżjoni tiegħek, u int (u int biss) trid twieġeb lil Kristu fil-Jum tal-Ħaqq.

### *Il-Knisja ta' Kristu u l-Qima*

Id-dinja hija mimlija b'kwalitajiet differenti ta' qima iżda Ġesù qal,

> "*Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità*" (Ġwanni 4:24).

L-ispirtu jew l-attitudni tal-moħħ huwa importanti fil-qima jew adurazzjoni tagħna, iżda Ġesù poġġha enfasi daqs insew fuq il-verità tal-qima tagħna. Aħna għandna naduraw skond il-VERITÀ tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa u mhux skond it-tagħlim tal-bnedmin. Ġesù qal,

> "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; igħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15:9).

Dwar dak li jappartjeni l-atti tal-qima, aħna kkmandati fit-Testment il-Ġdid biex inkantaw (Efesin 5:19), biex nitolbu (1 Korintin 14:15), biex nistudjaw (2 Timotju 2:15), biex f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa nieħdu sehem fl-ikla tal-Mulej (nipparteċipaw kemm bil-ħobż kif ukoll bil-frott tad-dielja, Atti 20:7; 1 Korintin 11:23-26), u biex nagħtu mill-mezzi tagħna fl-ewwel jum tal-ġimgħa (1 Korintin 16:2). Madankollu, jekk inti tixtieq li żżid jew tnaqqas jew tbiddel mill-qima lil Kristu kif ordnata fil-Kelma tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa, Lilu int trid tagħti kont ta' dak, għaliex kien Hu li qal,

> "*Il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 12:48).

Ħafna jippurvaw iġibu skużi għal modi differenti tas-servizzi ta' qima tagħhom imma l-Mulej qal b'mod ċar kif Hu jridna li Nagħtuh qima.

### *Il-Knisja Ta' Kristu—Waħda jew Ħafna*

Ġesù Kristu qal,

> "*Fuq din il-blata jiena nibni **l-knisja tiegħi***" (Mattew 16: 18; enfasi tiegħi).

Hawnl-Imħallef jitkellem dwar il-**knisja Tiegħu** fis-singular u Hu talab għall-kontinwità singulari tagħha fi Ġwanni 17:20-21,

> "*Miniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom; nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni.*"

Jista xi ħadd jemmen, wara li jkun qara dan il-kliem, lid-denominazzjonijiet kollha, bil-firdiet kollha tagħhom u n-nuqqas ta' qbil bejniethom, dawn qegħdin "ħaġa waħda," kif il-Missier qiegħed fi Kristu u Kristu qiegħed fil-Missier? Huma hekk igħallmu imma żgur li dak it-tagħlim qiegħed iġib fix-xejn it-talba tal-Mulej għall-għaqda! Isma' x'għandu xi jgħid l-appostlu Pawlu dwar kemm il-knisja hemm:

> "*Hemm ġisem **wieħed** u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda*" (Efesin 4:4; enfasi tiegħi).

Għandna aħna nargumentaw ma' Pawlu li Kristu kellu aktar minn ġisem wieħed? Hekk igħallmu l-mexxejja reliġjuża tad-denominazzjonijiet moderni! Għandna l-ħila nissugraw li nikkontradixxu t-talba ta' Ġesù u ngħidu li l-firda denominazzjonali hija tajba? Xi wħud hekk qegħdin igħidu llum. Dawn l-għalliema foloz qegħdin igħallmu li d-denominazzjonijiet kollha huma l-knisja li naqraw dwarha fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, imma meta titlobhom biex jikkwotaw il-ktieb, kapitlu u vers fejn il-Bibbja tgħid dan, huma jibqgħu siekta! Jekk inti tagħżel li tagħmel dan, jiġifieri, li tippreferi li tkun membru ta' xi waħda mid-denominazzjonijiet moderni, Kristu, (u ħadd Ħliefu) jiġġudikak, iżda żomm f'moħħok li Hu miet għall-knisja Tiegħu u mhux għal xi denominazzjoni moderna (Atti 20:28).

### *Ix-Xogħol Tiegħi Bħala Membru tal-Knisja Ta' Kristu*

Ix-xogħol tiegħi mhuwiex li niġġudikak imma li **ngħidlek** x'tgħallem il-Kelma ta' Kristu, il-Bibbja Mqaddsa. Jiena m'għandi xi ngħid ma' ħadd imma kundanna taqa' fuqi jekk jiena nonqos li ngħidlek x'tgħallem il-Kelma ta' Alla. L-appostlu Pawlu qal,

> "*Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju*" (1 Korintin 9:6).

Għal darb'oħra, hu qal,

> "*Għax jien qatt ma bżajt nurikom dak kollu li jrid Alla*" (Atti 20:27).

Le, jiena minhiex l-imħallef, lanqas tiegħi nnifsi. KRISTU HU L-IMĦALLEF TA' KULĦADD. Kif sejjer twieġeb? X'se jkun dak li jgħidlek Hu? Tgħid ikun,

"*Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem*" (Mattew 25:41),

jew,

"*Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li thejjiet għalikom*" (Mattew 25:34).

Inti tisma' waħda minn dawn iż-żewġ sentenzi ippronunzjati fuqek. Għal-hekk:

"*Ħabrek biex tidħol fil-bieb id-dejjaq*" (Mattew 7:14).

**IPPREŻENTAT MINN:**

Knisja ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew idħol fil-website tagħna u għandek issib dak kollu li teħtieġ fuq kważi kull suġġett:
www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd – Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa – Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana fl'indirizz ta' fuq.